IL-XI-IL KTIEB

Il-ħolqien: Fil-bidu...

1. Mulej, billi ż-żmien tiegħek hu l-eternità, int ma tqis xejn dak li qiegħed ngħidlek issa? Jew tqis fi żmienu dak li jsir fi żmienu? Mela għalfejn qiegħed insemmilek dawn il-ħwejjeġ kollha, waħda, waħda? Żgur li mhux biex issir tafhom minni, iżda biex inħeġġeġ għalik l-imħabba tiegħi u ta' min jaqrahom, ħalli lkoll ngħidu: Kbir il-Mulej, ta' min ifaħħru ħafna. Diġà għidt u ntenni li jien qiegħed nagħmel dan b'għożża għal imħabbtek. Tassew li aħna nitolbuk, iżda l-Verità tgħid: Missierkom jaf x'taħtieġu, qabel ma titolbuh intom. Aħna nixhdulek imħabbitna billi nistqarrulek il-miżerji tagħna u tjubitek fuqna, sa ma twassal fit-tmiem il-ħelsien li ġa bdejt tagħtina; u hekk ma nibqgħux imsejknin fina nfusna, imma niksbu l-hena fik. Għax int sejjaħtilna biex inkunu foqra fl-ispirtu, qalbna ħelwa, imnikktin, bil-ġuħ u l-għatx tal-ġustizzja, kollna ħniena, safja f'qalbna, u ministri tal-paċi. Ara, jiena ġa għidtlek ħafna, kif stajt u ridt nagħmel, għax kont int l-ewwel li qanqaltni biex nistqarrlek dan kollu, Mulej Alla tiegħi, għax inti tajjeb, għax għal dejjem it-tjieba tiegħek.

2. Imma kif nasal biex bi lsien il-pinna tiegħi ngħidlek kemm wissejtni u bożbożtni, kemm farragtni u mexxejtni, sa ma ġħamiltni predikatur tal-kelma tiegħek u ministru tas-sagrament tiegħek fost il-poplu tiegħek? U wkoll jekk iseħħli ngħidlek kollox, ħaġa, ħaġa, kull nitfa ħin insibha ġħażiża wisq ġħalija. Ili ħafna mhegġeġ bix-xewqa li noqgħod naħseb fuq il-ligi tiegħek, nistqarrlek x'naf u x'ma nafx minnha, u nitkellem miegħek fuq id-dawl li tajtni sa mill-bidu u fuq id-dlamijiet li ġħad baqa' fija, sa ma d-dgħufija tiegħi tgħib fil-qawwa tiegħek. Ma rridx naħli fuq ħwejjeġ oħra s-sigħat li fihom inkun ħieles mill-ħtiġijiet tal-mistrieħ ta' ġismi, mill-ħsibijiet ta' moħħi u s-servizz li naġħtu lil ġħajrna, sew jekk obbligati u sew jekk le.

Mulej Alla tiegħi, aġħti widen ġħat-talb tiegħi, u fittjieba tiegħek ilqa' x-xewqat tiegħi li jħegguni mhux ġħallġid tiegħi biss, iżda wkoll ġħas-servizz ta' mħabba li rrid naġħti lil ħuti. Inti tara li xewqat bħal dawn jinsabu f'qalbi tassew. Irrid noffrilek b'sagrifiċċju s-servizz ta' moħħi u lsieni: imma int aġħtini x'noffrilek. Jiena msejken u fqajjar, int ġħani ma' dawk kollha li jsejħulek, u tieħu ħsiebna bla ma ġħandek xi jħassbek ġħalik innifsek. Aħtinli xofftejja minn ġewwa u minn barra minn kull kelma bla ħsieb u minn kull gideb. Ħa nsib il-ġħaxqiet safja tiegħi fl-Iskrittura tiegħek; tħallinix nitqarraq fiha jew ninqeda biha biex inqarraq bl-oħrajn. Aġħtini widen, Mulej, ħenn ġħalija, Mulej Alla tiegħi, int li minn dawl tal-ġħomja u saħħa tad-dgħajfin issir minnufih id-dawl ta' dawk li jaraw u s-saħħa tal-qawwijin. Aġħti widen lil ruħi u ismaġħha ssejjaħlek minn qiegħ l-art, ġħax jekk widnejk ma jkunux miftuħa ġħalina mqar fil-qiegħ ta' l-art, ġħand min immorru? Lil min insejħu? Tiegħek il-jum u tiegħek

il-lejl; ma tgħaddix farka ħin mingħajr ir-rieda tiegħek. Agħtina ftit ħin ħalli naħsbu fuq dak li hu moħbi fil-liġi tiegħek, u la tħallihiex magħluqa għal dawk li jiġu jħabbtulha l-bieb. Int ma ridtx li l-misteri moħbija f'dawk il-paġni kollha jkunu nkitbu għalxejn, ma ridtx li foresta bħal din tkun nieqsa miċ-ċriev tagħha li jistkennu u jistaħbew fiha, jimirħu u jirgħu fiha, u mbagħad jimteddu u jixtarru. Wassal fit-tmiem l-eġħmil li bdejt fija, Mulej, u wrini l-Iskrittura fid-dawl tiegħek. Ara, leħnek il-ferħ tiegħi, il-għaxqa tiegħi fuq kull għaxqa oħra. Agħtini dak li nħobb, għax jiena nħobbu tassew, u kont int li mlejtni b'din l-imħabba. Tinsiex id-doni tiegħek, twarrabx minn quddiemek il-ħxejjex bil-għatx għalik. Jien nistqarrlek kull ma nsib fil-kotba tiegħek, nisma' leħen it-tifħir tiegħek, nixrob minnek u naħseb fuq l-eġħġubijiet tal-liġi tiegħek, mill-bidunett li fih għamilt is-sema u l-art, sas-saltna miegħek għal dejjem fil-belt qaddisa tiegħek.

Ħenn għalija, Mulej, agħti widen għax-xewqa tiegħi. Inħoss li mhijiex xewqa għal dak li hu ta' l-art, deheb, fidda jew ħaġar prezzjuż, ilbies ilellex, ġieh, setgħa, jew pjaċiri tal-ġisem, anqas għal dak li hu meħtieġ għal ġisimna tul il-pellegrinaġġ tagħna f'din il-ħajja. Dan kollu jingħatalna, għax qegħdin infittxu s-saltna u l-ġustizzja tiegħek. Ara, Alla tiegħi, minn fejn hi ġejja xewqti: il-ħżiena semmewli l-ħwejjeġ li jitgħaxxqu bihom, ħwejjeġ li mhumiex skond il-liġi tiegħek, Mulej; imma jien, ara, hi l-liġi tiegħek li qanqlitli x-xewqa tiegħi. Araha, Missier, ixħet ħarstek fuqha u araha, u agħmel li tkun togħġbok. Għall-ħniena tiegħek, ħa jogħġbok tagħtini l-grazzja li t-tifsir moħbi ta' kliemek jinfetaħ għalija li qed inħabbatlu l-bieb. Nitolbok b'Sidna Ġesù Kristu Ibnek, il-bniedem

ta' lemintek, bin il-bniedem li int saħħaħtu għalik bħala medjatur bejnek u bejnna. Bih int fittixtna meta ma konniex infittxuk, fittixtna biex aħna nfittxu lilek. Hu l-Verb tiegħek li bih għamilt il-ħlejjaq kollha, fosthom lili; hu l-Waħdieni tiegħek li bih sejjaħt lill-poplu tal-fidili, u lili fosthom, biex ikollna l-adozzjoni. Nitolbok permezz tiegħu li jinsab fuq il-lemin tiegħek u jidħol għalina quddiemek. Fih hemm moħbija t-teżori kollha tal-għerf u x-xjenza; dawn infittex fil-kotba tiegħek. Mosè kiteb fuqu, kif hu stess igħid, kif il-Verità tgħid.

3. Ħa nisma' u nifhem kif fil-bidu għamilt is-sema u l-art. Dan kitbu Mosè, kitbu u mar, għadda minn din id-dinja, minn għandek għal għandek. Issa mhuwiex hawn quddiemi, għax kont inżommu u nitolbu u nraħħamlu biex f'ġieh ismek ifissirli dawn il-kelmiet li qal: kont niftaħ il-widnejn ta' ġismi għall-kliem li joħroġ minn fommu. Jekk ikellimni bil-Lhudi, għalxejn iħabbat fuq bieb widnejja, għax ebda kelma milli jgħid ma tibqa' dieħla sa ġo moħħi. Inkun naf xinhu jgħid jekk ikellimni bil-Latin, imma kif inkun naf li qiegħed igħid is-sewwa? U anki fil-kas li nkun naf li qed igħid is-sewwa, dan inkun nafu għax igħidli hu? Le, imma l-Verità, li la hi Lhudija, la Griega, la Latina, u lanqas ta' ġens ieħor barrani, tkun hi li minn ġewwa, fil-għamara ta' ħsiebi, mingħajr kliem bil-fomm u bl-ilsien, tkellimni u tgħidli, "Qiegħed igħid is-sewwa", u jien nemmen minnufih, u b'moħħi mistrieħ ngħid lil dak il-bniedem tiegħek, "Qiegħed tgħid is-sewwa". Mela ladarba ma nistax nistaqsi lilu, nitlob lilek, il-Verità, għax hu qal is-sewwa bis-saħħa tal-milja tiegħek fih, nitlob lilek, Alla tiegħi, biex taħfirli dnubieti u tagħtini

li nifhem dak li bil-grazzja tiegħek qal il-qaddej tiegħek.

4. Ara, is-sema u l-art qegħdin hemm, igħollu leħenhom u jgħidu li huma ħlejjaq, għax jitbiddlu u jieħdu sura oħra. Dak kollu li mhuwiex maħluq imma jeżisti, ma fih ebda ħaġa li ma kinetx fih mill-ewwel, għax dan ifisser li seta' jitbiddel u jieħu sura oħra. Is-sema u l-art igħidu wkoll li mhux huma għamlu lilom infushom: "Għalhekk aħna, għax ġejna magħmulin". Huma jkellmuna permezz ta' l-istess dehra tagħhom. Mela kont int, Mulej, li għamilthom; u huma sbieħ, mela int ukoll sabiħ; huma tajbin, mela int ukoll tajjeb; huma jeżistu, mela int ukoll teżisti. Mhumiex sbieħ u tajbin bħalek, anqas ma jeżistu bħalek li għamilthom; anzi jekk inxebbhuhom miegħek, la huma sbieħ, la tajbin u lanqas jeżistu. Niżżuk ħajr talli għarafna dan, għad li għerfna mhu għerf xejn ħdejn tiegħek.

5. Imma s-sema u l-art kif għamilthom? B'liema għodda nqdejt biex għamilt opra hekk kbira? Fil-ħidma tiegħek ma kontx bħar-raġel tas-sengħa: dan ikollu l-materjal u minnu jagħmel opra kif igħidlu moħħu, skond ix-xbieha li jara f'moħħu bil-għajnejn ta' ġewwa. Kif iseħħlu jagħmel dan jekk mhux għax inti ħlaqtu? Il-moħħ ifassal ix-xbieha ta' l-opra, u mbagħad din issir mill-materjal li jkun ġa jeżisti, għax ikollu l-meħtieġ biex jeżisti, ngħidu aħna, it-tafal, il-ġebel, l-injam, id-deheb, u ħwejjeġ oħra bħal dawn. Dan il-materjal kif sar jekk mhux għax għamiltu int? Int lill-ħaddiem tajtu l-ġisem, tajtu r-ruħ tordna lill-membri, il-materjal biex minnu jagħmel xi ħaġa, id-dehen biex jitgħallem is-sengħa u jara ġewwa fih xi jkun se jagħmel minn barra, u żejjintlu 'l ġismu bis-sensi biex bihom joħroġ

ix-xbieha li jkollu f'moħħu u jonqoxha fil-materjal li jkun qed jaħdem. Is-sensi mbagħad iħabbru lill-moħħ li l-opra tkun saret, u dan minn ġewwa jdur lejn il-verità li hi fuqu u jistaqsiha jekk ix-xogħol ikunx sar sewwa. Dawn il-ħwejjeġ kollha jfaħħru lilek li ħlaqt kollox. Iżda int kif tagħmilhom? O Alla, kif għamilt is-sema u l-art? Żgur li s-sema u l-art ma għamilthomx fis-sema u fl-art, anqas fl-ajru jew fl-ilmijiet, għax dawn ukoll biċċa mis-sema u l-art. Anqas ma għamilt l-univers fl-univers, għax ma kien hemm imkien fejn seta' jintgħamel qabel ma sar u beda jeżisti. Anqas ma kellek xi materjal f'idejk biex minnu tagħmel is-sema u l-art, għax jekk kont għadek ma ħlaqt ebda materjal, kif seta' dan jiġi f'idejk biex tagħmel xi ħaġa bih? Teżisti xi ħaġa jekk mhux għax int teżisti? Mela inti għidt u huma saru; bil-kelma tiegħek għamilthom.

6. Imma kif tkellimt? Tkellimt bl-istess mod bħal meta minn ġos-sħaba nstema' leħen igħid, "Dan hu Ibni l-għażiż"? Dak kien leħen li nsema' u baqa' għaddej, inbeda u ntemm. Is-sillabi nstemgħu u baqgħu għaddejja, it-tieni waħda wara l-ewwel waħda, it-tielet wara t-tieni, u hekk il-bqija wara xulxin, sa ma l-aħħar waħda għaddiet wara l-oħrajn kollha u warajha waqa' s-skiet. Minn dan jidher ċar ħafna li l-leħen instema' permezz taċ-ċaqliq ta' ħaġa maħluqa li qdiet fiż-żmien lir-rieda tiegħek ta' dejjem. Il-widna minn barra semgħet dawn il-kelmiet tiegħek jitlissnu fiż-żmien u wasslithom lill-moħħ, għax dan jifhimhom u minn ġewwa għandu widintu miftuħa għall-kelma tiegħek ta' dejjem. Il-moħħ qabbel dawn il-kelmiet li nstemgħu fiż-żmien mal-kelma tiegħek siekta fl-eternità, u qal, "Din xort'oħra ħafna, xort'oħra tassew! Il-kelmiet li smajt huma

ħaġa żgħira wisq ħdejja, anzi ma huma xejn, għax ħarbu u baqgħu għaddejjin, iżda l-kelma ta' Alla tiegħi hi ogħla minni u tibqa' għal dejjem". Mela kieku inti nqdejt b'kelmiet li nstemgħu u baqgħu għaddejja biex is-sema u l-art isiru u kien hekk li għamilt is-sema u l-art, dan ifisser li ġa kien hemm mezz materjali maħluq qabel is-sema u l-art, li biċ-ċaqliq tiegħu fiż-żmien instemgħu dawk il-kelmiet fiż-żmien. Iżda qabel is-sema u l-art ma kienx hemm materja oħra, jew jekk kien hemm, inti żgur ħlaqtha mingħajr kliem li jibqa' għaddej, u minnha sawwart il-kelmiet li baqgħu għaddejja wara li għidthom biex is-sema u l-art isiru. Kienet x'kienet il-materja li l-kelmiet issawru minnha, żgur li ma kinetx issir bla ma tagħmilha int. Imma x'kienet il-kelma li għidt biex issir il-materja li minnha ssawru dawk il-kelmiet?

7. Għalhekk int tistedinna biex nifhmu l-Kelma, il-Verb, Alla miegħek Alla, il-Kelma li tingħad minn dejjem sa dejjem u li biha jixxandar kollox minn dejjem sa dejjem. U dak li l-Verb igħid ma jibqax għaddej biex hu jkun jista' jgħid ħaġa oħra sa ma jkun qal kollox, iżda jgħid kollox f'daqqa minn dejjem sa dejjem, għax inkella jkun ġa hemm iż-żmien u t-tibdil, u ma jkunx hemm l-eternità tassew jew l-immortalità tassew. Dan kollu nafu, Alla tiegħi, u niżżik ħajr; nistqarr li nafu, Mulej, u miegħi jafuh u jberkuk dawk kollha li mhumiex ingrati mal-verità li tiżgurahom minnu. Aħna nafu, Mulej, nafu li ħaġa tintemm għax ma tibqax li kienet, u tibda għax issir dak li ma kinetx qabel. Mela xejn ma jintemm jew jinbeda flimkien mal-kelma tiegħek, għax din tassew ta' dejjem u ma tmut qatt. U għalhekk bil-kelma tiegħek, li hi dejjem

miegħek u minn dejjem sa dejjem, bħalek, inti tgħid kull ma tgħid u jsir dak kollu li tgħidlu jsir. Xejn ma tagħmel jekk mhux bil-kelma tiegħek. Iżda dan ma jfissirx li l-ħlejjaq li tagħmel bil-kelma tiegħek isiru kollha f'daqqa jew għal dejjem.

8. U dan għaliex, nitolbok, Mulej Alla tiegħi? B'xi mod nista' nifhem xinhi r-raġuni, iżda ma nafx infissirha. Jista' jkun li għax kull ma jinbeda u jintemm, jinbeda jew jintemm meta r-raġuni eterna tiegħek tara li jkollu jinbeda jew jintemm, għad li fiha xejn ma jinbeda jew jintemm. U din ir-raġuni hija l-istess Verb tiegħek, li hu wkoll il-bidu, għax ikellimna wkoll. Hekk fil-Vanġelu tkellem magħna bħala bniedem, u kliemu nstema' minn barra f'widnejn il-bnedmin, biex jemmnu fih, ifittxuh ġewwa fihom infushom, u jsibuh fil-verità ta' dejjem, fejn hu waħdu l-imgħallem it-tajjeb li jgħallem lid-dixxipli kollha tiegħu. Fiha, Mulej, jien nisma' leħnek igħidli li min qed jitkellem magħna qiegħed igħallimna, u li min ma jgħallimniex ma jkun qiegħed igħidilna xejn anqas jekk ikellimna. U min hu dak li jgħallimna jekk mhux il-verità li tibqa'? Għax ukoll jekk ħlejqa li titbiddel tiġi twissina, bit-twissijiet tagħha twassalna fil-verità li tibqa', fejn tassew nitgħallmu jekk noqogħdu nisimgħuha. U nifirħu ħafna meta nisimgħu leħen il-għarus, li jroddna lura lil Dak li ġejna minnu. U għalhekk huwa l-bidu; li kieku ma kienx ta' dejjem, ma kienx ikollna għand min nerġgħu lura meta konna niġġerrew fl-iżbalji tagħna. Meta aħna nerġgħu lura mill-iżball, nerġgħu lura minnu għax nagħarfuh, u nagħarfuh għax dak li hu l-bidu jgħallimna hu u jitkellem magħna.

9. Kien f'dan il-bidu, o Alla, li int għamilt is-sema u l-art, fil-Verb tiegħek, Ibnek, il-qawwa tiegħek, il-ħerf tiegħek, il-verità tiegħek li titkellem b'mod tal-ħaġeb u taħlaq b'mod tal-ħaġeb. Min jista' jifhmu? Min ifissru? Xinhu dak li l-ħin kollu jiddi f'ħajnejja u jinfed sa ġo qalbi bla ma jaqsamhieli? Ibeżżagħni u jħeġġiġni: ibeżżagħni f'dak li ma nixbahx lilu, u jħeġġiġni f'dak li nixbhu. Huwa l-ħerf, il-ħerf innifsu, li l-ħin kollu jiddili u jċarrat kull sħaba li tgħattini u żżidli l-kastig tiegħi għax inkun erġajt tbegħidt minnu fid-dlamijiet. Minħabba fil-hemm naqsitni saħħti, hekk li sirt ma niflaħx il-ġid tiegħi stess, sa ma int, Mulej, li ħfirtli dnubieti kollha, tfejjaq ukoll il-mard tiegħi kollu, tifdi lil ħajti mit-taħsir, tħaddanni bit-tjieba u l-ħniena, u xxabba' bil-ġid ix-xewqa tiegħi, għax bħal ta' l-ajkla tiġġedded żgħożiti. Aħna salvajna bit-tama, u qegħdin nistennew bis-sabar il-wegħdiet tiegħek. Ħa jisma' kelmtek ġewwa fih min jista'; jien b'qalbi qawwija nerfa' leħni biex flimkien mal-profeta tiegħek ngħid: Kemm huma kotrana l-egħmejjel tiegħek, Mulej; kollha bil-ħerf għamilthom! Dan il-ħerf kien il-bidu, u f'dan il-bidu għamilt is-sema u l-art.

10. Forsi mhumiex mimlijin bil-bniedem il-qadim tagħhom dawk li jistaqsu, "X'kien jagħmel Alla qabel ma għamel is-sema u l-art"? U jkomplu jistaqsu, "Jekk kien ħieles bla ma jagħmel xejn, il-ħala ma baqax dejjem bħal qabel, dejjem wieqaf minn kull xogħol? Jekk f'Alla tnissel tqanqil ġdid u rieda ġdida biex jagħmel il-ħlejjaq li ma kienx ħalaq qabel, kif jista' jkun hemm eternità tassew jekk fiha tnisslet rieda li ma kinetx qabel?

Ir-rieda ta' Alla mhux ħaġa maħluqa, imma kienet qabel il-ħolqien għax ebda ħaġa ma tinħalaq jekk ir-rieda tal-ħallieq ma tkunx qabilha. Mela r-rieda ta' Alla hija ħaġa waħda mas-sustanza tiegħu. Imma jekk fis-sustanza ta' Alla tnisslet ħaġa li qabel ma kinetx, mela mhux tassew li din is-sustanza hija eterna bħalma jingħad. Jekk imbagħad kienet dejjem rieda ta' Alla li jsir il-ħolqien, il-għala l-ħolqien mhuwiex minn dejjem?"

11. Dawk li jitkellmu hekk għadhom ma fehmukx, għerf ta' Alla u dawl ta' ruħna. Għadhom ma fehmux il-ħwejjeġ li jsiru bik u fik; jagħmlu x'jagħmlu biex isiru jafu dak li hu etern, qalbhom tibqa' titqalleb bi frugħatha fil-mewġ ta' dak li għadda u dak li għad irid jiġi. Min se jżommilhom qalbhom u jwaqqafhielhom ħalli toqgħod ftit u taħtaf daqsxejn id-dija ta' l-eternità dejjem wieqfa, tqabbilha maż-żminijiet li qatt ma jieqfu, u tara li ma hemmx xebh bejniethom? Hija tara kif it-tul taż-żmien jitqies biss skond il-ħafna movimenti li jibqgħu għaddejjin għax ma jistgħux jinfirxu fit-tul ilkoll f'daqqa; tara li xejn fl-eternità ma jibqa' għaddej, għax kollox huwa issa fiha, waqt li fiż-żmien xejn ma hu kollu kemm hu issa; tara li l-imgħoddi huwa kollu misjuq 'il quddiem mill-ġejjieni, li l-ġejjieni kollu jasal wara l-imgħoddi, u li sew l-imgħoddi u sew il-ġejjieni huma maħluqa u jitmexxew minn Dak li dejjem hu issa. Min se jżommha l-qalb tal-bniedem biex toqgħod tara kif l-eternità dejjem wieqfa hija r-regola taż-żminijiet li għaddew u li għad iridu jiġu, waqt li hi stess la fiha l-imgħoddi u lanqas il-ġejjieni? Se jseħħilha idi żżomm din il-qalb? Jew tista' id fommi b'xi kliem tagħmel ħaġa hekk kbira?

12. Ara, jiena għandi tweġiba għal dawk li jistaqsu x'kien jagħmel Alla qabel ma għamel is-sema u l-art. Mhix it-tweġiba mogħtija minn dak il-flien li, kif jingħad, ried jaħrab minn din il-għoqda iebsa u biex jiċċajta wieġeb u qal, "Kien qiegħed ihejji l-infern għal dawk li jdeffsu mneħirhom fil-misteri għolja". Għax li tkun taf twieġeb hija ħaġa, imma li tgħaddi ż-żmien b'ħaddieħor hija ħaġa oħra. Jien ma nweġibx bħalu, għax aktar nagħżel inwieġeb li dak li naf, ma nafux, milli nagħti tweġiba li biha min jistaqsi fuq ħwejjeġ għolja jitwaqqa' għaċ-ċajt, u min jagħti tweġiba mgħawġa jaqla' t-tifħir. Jiena ngħid li int, Alla tagħna, għamilt il-ħlejjaq kollha, u jekk b'sema u art nifhmu l-ħlejjaq kollha, ma nibżax ngħid, "Alla, qabel ma għamel is-sema u l-art, ma kien jagħmel xejn". Għax jekk kien jagħmel xi ħaġa, x'kien jagħmel ħlief il-ħlejjaq? Jien, dak li nixtieq insir naf għall-ġid tiegħi, nixtieq inkun nafu bl-istess mod kif naf li ebda ħolqien ma sar qabel ma sar l-ewwel ħolqien.

13. O Alla li tista' kollox, inti taħlaq u żżomm il-ħlejjaq kollha u għamilt is-sema u l-art. Jekk xi ħadd jista' jittajjar bil-ħeffa ta' ħsiebu fuq ix-xbihat taż-żminijiet l-imgħoddija u jistagħġeb kif int ħallejt sekli bla tarf igħaddu qabel ma għamilt opra hekk kbira, imissu jistenbah ħalli jara kemm ma għandux biex jistagħġeb. Għax kif setgħu jgħaddu sekli bla tarf jekk is-sekli kont għadek ma għamilthomx, int, il-bidu u l-ħallieq tas-sekli kollha? Seta' kien hemm żminijiet li ma għamilthomx int? U kif igħaddu jekk qatt ma kienu? Inti tagħmel iż-żminijiet kollha. Mela jekk kien hemm xi żmien qabel ma għamilt is-sema u l-art, kif jistgħu jgħidu li ma kont qed tagħmel xejn? Int

kont qiegħed tagħmel dak l-istess żmien, għax iż-żminijiet ma setgħux igħaddu kieku ma kontx ġa għamilthom. U jekk ma kien hemm ebda żmien qabel is-sema u l-art, għaliex jistaqsu x'kont qiegħed tagħmel f'dak iż-żmien? Kif nistgħu nsemmu ż-żmien jekk ma kienx hemm żmien?

Inti ma kontx f'xi żmien qabel ma nbeda ż-żmien, għax inkella mintix qabel iż-żminijiet kollha. Imma inti tinsab fil-għoli ta' l-eternità tiegħek dejjem ta' issa qabel iż-żminijiet kollha l-imgħoddija, u tisboq iż-żminijiet kollha li ġejja għax dawn għad iridu jiġu, u meta jiġu jkunu ġa għaddew; imma int li int tibqa', bla tmiem huma s-snin tiegħek. Is-snin tiegħek la jgħaddu lanqas jiġu; huma s-snin tagħna li jgħaddu u jiġu, ħalli b'hekk ikunu jistgħu jiġu kollha. Is-snin tiegħek joqogħdu lkoll f'daqqa għax huma weqfin, ma jitmexxewx 'il quddiem minn oħrajn li jiġu warajhom, għax ma jgħaddu qatt. Is-snin tiegħek huma jum wieħed, u l-jum tiegħek ma jiġix kuljum, iżda hu dejjem illum, għax illum tiegħek ma jħallix postu għal għada u ma jiġix wara lbieraħ. Illum tiegħek huwa l-eternità, u għalhekk lil Dak li għidtlu, "Jien illum nissiltek", nissiltu miegħek sa minn dejjem. Int għamilt iż-żminijiet kollha, u int qabilhom kollha, u ma kien hemm ebda żmien li ma kienx fiż-żmien.

14. Mela ma kien hemm ebda żmien li fih ma kont qed tagħmel xejn, għax kont qiegħed tagħmel iż-żmien stess. U ma hemmx żminijiet li huma eterni bħalek, għax int tibqa' li int, waqt li huma ma jkunux iżjed żminijiet jekk jibqgħu li huma. Xinhu ż-żmien? Min se jsibha ħaġa ħafifa biex ifissru f'erba' kelmiet qsar? Min jista' jsawwar f'moħħu daqsxejn ta' idea tiegħu u jfissirha bil-kliem? U

madankollu hemm xi ħaġa oħra barra miż-żmien li aħna drajnieha u nagħarfuha aktar fid-diskors tagħna? Meta nsemmu ż-żmien, inkunu nafu fuqiex qed nitkellmu; u meta jsemmuh l-oħrajn, inkunu nafu xinhuma jgħidu. Mela xinhu ż-żmien? Jien naf xinhu, sakemm ħadd ma jistaqsini xinhu; imma jekk xi ħadd jistaqsini ma nkunx naf infissirlu. Kull ma nista' ngħid li naf b'moħħi mistrieħ huwa dan: li, jekk xejn ma jgħaddi, ma jkunx hemm iż-żmien l-imgħoddi; jekk xejn mhu ġej, ma jkunx hemm iż-żmien li għad irid jiġi; u jekk xejn ma hu issa, anqas ma hemm iż-żmien ta' issa. Imma l-ewwel żewġ żminijiet, jiġifieri l-imgħoddi u l-ġejjieni, kif jistgħu jeżistu jekk l-imgħoddi ġa għadda u l-ġejjieni għad irid jiġi? U għal dak li hu issa, li kieku kellu jibqa' dejjem issa u ma jgħaddi qatt, ma jkunx iżjed żmien imma eternità. Jekk mela ż-żmien ta' issa, biex ikun tassew żmien, isir jeżisti biex jibqa' għaddej fl-imgħoddi, kif nistgħu ngħidu li jeżisti jekk l-istess raġuni li minħabba fiha jeżisti hi li ma jibqax jeżisti? Fi kliem ieħor, kif nistgħu tassew nitkellmu fuq l-eżistenza taż-żmien jekk minnu nnifsu hu magħmul biex ma jibqax jeżisti?

15. U madankollu nitkellmu fuq żmien twil u żmien qasir, u b'dan nifhmu biss jew l-imgħoddi jew il-ġejjieni. Iż-żmien l-imgħoddi nqisuh twil meta nitkellmu, ngħidu aħna, fuq dak ta' mitt sena ilu, u l-ġejjieni nqisuh twil meta nsemmu dak ta' mitt sena oħra; l-imgħoddi ngħidu li hu qasir meta nitkellmu, ngħidu aħna, fuq dak ta' għaxart ijiem ilu, u l-ġejjieni ngħidulu qasir meta nsemmu dak ta' għaxart ijiem oħra. Imma dak li anqas biss jeżisti kif jista' jkun twil jew qasir? L-imgħoddi mhuwiex iżjed, u l-ġejjieni

għadu ma sarx. Mela ma jmissniex ngħidu li ż-żmien huwa twil, imma għall-imgħoddi ngħidu li għadda żmien twil u għall-ġejjieni ngħidu li għad irid igħaddi żmien twil. Mulej, sid u dawl tiegħi, il-verità tiegħek ma tidħakx bina meta tismagħna ngħidu dan ukoll? Għax l-imgħoddi meta kien twil? Meta kien ġa għadda jew meta kien għadu ż-żmien ta' issa? Għax seta' jkun twil f'dak il-waqt biss li fih kien ħaġa li tista' ddum. Meta kien ġa għadda ma baqax jeżisti, mela anqas seta' jdum. Għalhekk anqas ma jmissna ngħidu li l-imgħoddi kien żmien twil: ma nsibulu xejn fih biex nistgħu nsejħulu twil, għax ladarba għadda ma baqax jeżisti. Mela għandna ngħidu li, sakemm kien għadu issa, iż-żmien kien twil, għax dam ħafna magħna. Kien għadu ma għaddiex b'mod li ma baqax jeżisti, u għalhekk kien ħaġa li setgħet tkun twila. Meta mbagħad għadda, ma baqax twil, għax ma baqax jeżisti.

Ruħ tal-bniedem, int għandek id-don li tagħraf u tkejjel il-waqfiet taż-żmien. Mela ejja naraw jekk iż-żmien ta' issa jistax ikun twil. X'se tweġibni? Mitt sena ta' issa huma żmien twil? Naraw qabel xejn jekk mitt sena nistgħux ngħidu li huma issa. Jekk ngħidu li issa hija l-ewwel sena, id-disgħa u disgħin l-oħra għad iridu jiġu, mela għadhom ma jeżistux. Jekk ngħidu li issa hija t-tieni sena, mela l-ewwel waħda ġa għaddiet, l-oħra hija issa, u l-oħrajn għad iridu jiġu. U hekk għal kull sena oħra ta' matul il-mitt sena li ngħidu li hi issa; ta' qabilha jkunu ġa għaddew, u ta' wrajha jkunu għad iridu jiġu. Mela ma nistgħux ngħidu li l-mitt sena huma issa. Naraw jekk għallinqas is-sena li tkun għaddejja nistgħux ngħidu li hi issa. Fl-ewwel xahar tagħha l-oħrajn ikunu għadhom ma ġewx; fit-tieni xahar, l-ewwel wieħed ikun ġa spiċċa u l-

oħrajn għad baqgħalhom biex jaslu. Mela anqas is-sena li tkun għaddejja ma nistgħu ngħidu li hi kollha issa; sena sħiħa ma hix issa. Is-sena fiha tnax-il xahar, wieħed minnhom ikun għadu magħna u ngħidu li hu issa, waqt li l-oħrajn ikunu jew ġa għaddew jew għad iridu jiġu. Imma anqas ix-xahar li jkun għaddej ma nistgħu ngħidu li hu issa; jum wieħed biss minnu huwa issa; jekk dan ikun l-ewwel wieħed, l-oħrajn ikunu għad iridu jaslu; jekk ikun l-aħħar wieħed, ta' qablu jkunu ġa għaddew; u kull jum ieħor bejniethom ikun bejn dawk li għaddew u dawk li ġejjin.

Ara xinhu ż-żmien ta' issa! Lilu biss sibna li nistgħu nsejħulu twil u bilkemm ġbarnieh fil-medda ta' jum wieħed. Imma ejja nħarsu lejn dan il-jum ukoll, għax anqas jum wieħed ma hu kollu issa. Bejn is-sigħat ta' bil-lejl u dawk ta' bin-nhar il-jum b'kollox fih erbgħa u għoxrin siegħa, l-ewwel waħda għandha dawk ta' wrajha li għad iridu jiġu, l-aħħar waħda għandha ta'qabilha li ġa għaddew, u kull waħda mis-sigħat l-oħra ta' bejniethom għandha oħrajn li ġa għaddew qabilha u oħrajn li ġejjin warajha. L-istess siegħa waħda titqassam f'ħafna waqtiet li jgħaddu f'tebqa ta' għajn; kull ma tar minnha ġa għadda, u kull ma fadlilha għad irid jiġi. Jekk qatt nistgħu naħsbu f'xi waqt li ma jistax jitqassam iżjed fl-iċken farkiet ta' ħin, dak biss nistgħu ngħidu li hu issa; imma dan ukoll mill-ġejjieni jibqa' għaddej fl-imgħoddi hekk malajr li ma jibqagħlu dewmien ta' xejn, għax jekk idum, ikollu taqsima minnu fl-imgħoddi u oħra fil-ġejjieni; jiġifieri, il-waqt ta' issa ma jieħu ebda tul. Mela liema hu ż-żmien li sejjaħnielu twil? Il-ġejjieni? Il-ġejjieni ma nistgħux ngħidu li hu twil, għax għadu anqas biss beda jeżisti biex jista' jkun twil;

għalih ngħidu li għad ikun twil. Imma meta? Ma jistax ikun twil meta jkun għadu ma ġiex, għax ikun għad ma hemm xejn li jista' jissejjaħ twil. Imma jekk ikun twil meta ma jibqax żmien ġejjieni, li ma jeżistix, u jibda jeżisti u jsir issa biex ikun ħaġa li tista' tkun twila, minn dak li ġa għidna jidher ċar li l-waqt ta' issa ma jistax ikun twil.

16. B'danakollu, Mulej, aħna nifhmu li l-ħin għandu l-waqfiet tiegħu li, meta nqabbluhom bejniethom, ngħidu li xi wħud huma itwal u oħrajn iqsar. Inqisu wkoll kemm ħin wieħed ikun itwal jew iqsar minn ieħor, u ngħidu li jkun darbtejn jew tliet darbiet iktar jew li jkunu t-tnejn indaqs fit-tul. Il-ħinijiet inqisuhom waqt li jkunu għaddejjin, meta nistgħu nifhmu kemm idumu. Iżda dawk li ġa għaddew u ma għadhomx jeżistu, u dawk li ġejjin u għadhom ma bdewx jeżistu, dawn min jista' jqishom? Forsi xi ħadd li jasal biex igħid li jista' jqis ħaġa li ma teżistix? Mela ż-żmien jista' jitqies u jitkejjel sakemm ikun għadu għaddej biss, mhux wara li jkun ġa għadda, għax ma jkunx għadu jeżisti.

17. Missier, dawn huma ħwejjeġ li qiegħed infittex fuqhom; miniex ngħid li huma sewwa sew kif fissirthom jien. Alla tiegħi, kun fuqi u mexxini int. Min se jgħidli li ż-żminijiet mhumiex tlieta, jiġifieri, l-imgħoddi, iż-żmien ta' issa, u l-ġejjieni? Hekk tgħallimna meta konna tfal, u hekk ngħallmu lil uliedna. Min se jgħidli li jeżisti biss iż-żmien ta' issa għax it-tnejn l-oħra ma jeżistux? Forsi ssib min igħid li t-tnejn l-oħra jeżistu wkoll, imma ż-żmien ta' issa joħroġ mill-ġejjieni qisu minn xi moħba, u jerġa'

jmur f'moħba oħra meta jgħaddi u ma jibqax issa. Imma dawk li raw il-ġejjieni u ħabbruh minn qabel, fejn setgħu rawh kieku ma kienx jeżisti? Ħadd ma jista' jara dak li ma jeżistix. Hekk ukoll dawk li tkellmu fuq l-imgħoddi, ma setgħux igħidu s-sewwa kieku l-imgħoddi ma rawhx f'moħhom, u b'xejn ma setgħu rawh kieku ma jeżistix. Mela sew il-ġejjieni u sew l-imgħoddi jeżistu t-tnejn.

18. Ħallini nfittex iżjed, Mulej, tama tiegħi, u agħmel li moħħi ma jitħawwadx. Ladarba l-ġejjieni u l-imgħoddi jeżistu, nixtieq naf fejn jinsabu. Jekk anqas dan ma jseħħli nkun naf, għallinqas naf li, jinsabu fejn jinsabu, ma jeżistux bħala ġejjieni jew imgħoddi, imma bħala żmien ta' issa. Għax jekk il-ġejjieni qiegħed hemm bħala żmien li għad irid jiġi, dan ifisser li anqas hemm għadu ma beda jeżisti; u jekk l-imgħoddi qiegħed hemm bħala żmien li ġa għadda, dan ifisser li anqas hemm ma għadu jeżisti. Mela huma xinhuma u jinsabu fejn jinsabu, it-tnejn jeżistu bħala żmien ta' issa. Meta nitkellmu fuq ġrajjiet li seħħu tassew fl-imgħoddi, aħna ma noħorġux mill-memorja l-ġrajjiet infushom li għaddew, iżda ngħidu kliem imnebbah mix-xbihat tagħhom li naqqxulna f'moħħna permezz tas-sensi tagħna, bħallikieku ħallewlna l-atar tagħhom huma u għaddejjin. Tfuliti, li ma għadhiex teżisti, tinsab fl-imgħoddi tiegħi, li ma għadux jeżisti; imma t-tifkiriet ta' tfuliti, meta nġeddidhom u nitkellem fuqhom, inkun qiegħed narahom issa, għax baqgħuli f'moħħi. Jekk dan isirx ukoll meta l-ġejjieni jitħabbar minn qabel, meta l-ġrajjiet li għadhom ma seħħux jintwerew permezz ta' xbihat bħallikieku ġa bdew iseħħu, nistqarrlek, Alla tiegħi, li dan ma nafux. Imma għallinqas naf dan: li aħna fil-

biċċa l-kbira nobsru ġrajjiet li għad iseħħu 'l quddiem; moħħna jkun qiegħed jarahom issa, għad li l-ġrajjiet li nobsru jkunu għadhom ma seħħux ladarba qegħdin fil-ġejjieni. Meta mbagħad naslu għalihom u dak li bsarna minn qabel jibda jseħħ, il-ġrajja ssir teżisti, għax ma tibqax fil-ġejjieni, imma ssir issa.

Hu xinhu l-misteru tat-tbassir tal-ġejjieni, żgur li ħadd ma jista' jara dak li ma jeżistix. Dak li ġa jeżisti ma għadux fil-ġejjieni, imma hu issa. Mela meta wieħed igħid li jara l-ġejjieni, ma jkunx jara ġrajjiet li ma jeżistux għax ikunu għadhom fil-ġejjieni. Għandu mnejn jara l-kawżi u s-sinjali tagħhom li jkunu ġa quddiemu, u għalhekk jara mhux il-ħwejjeġ ta' għada, imma ħwejjeġ li jinsabu issa quddiem għajnejh u minnhom jobsor il-ġejjieni. It-tbassir tiegħu jkun jeżisti issa, u l-ġrajjiet li jobsor ikun jarahom issa f'moħħu. Jingħataw bosta ċirkustanzi bħal dawn, imma ħa nsemmi eżempju wieħed. Jiena nara s-sebħ u nħabbar tlugħ ix-xemx. Dak li nara hu ġa quddiemi, imma dak li nħabbar għadu ma seħħx. Miniex inħabbar ix-xemx bħala ħaġa li għad trid issir, għax ix-xemx ġa teżisti, imma nħabbar it-tlugħ tagħha li jkun għadu ma seħħx. Iżda dan ma nistax inħabbru jekk ma nġibux fi ħsiebi kif qiegħed nagħmel issa jien u nsemmih. Is-sebħ li nara fis-sema mhuwiex tlugħ ix-xemx, imma l-ħabbâr tiegħu, u anqas il-ħsieb tiegħu li nagħmel f'moħħi ma hu tlugħ ix-xemx. Is-sebħ u l-ħsieb ta' moħħi huma l-ħwejjeġ li nara issa quddiemi u permezz tagħhom inħabbar ġrajja li se sseħħ. Mela l-ġejjieni għadu ma seħħx; jekk ma seħħx, anqas ma jeżisti; u jekk ma jeżistix, b'xejn ma nistgħu narawh, imma nobsruh biss, mis-sinjali li naraw quddiemna.

19. Int, li ssaltan fuq il-ħlejjaq, b'liema mod tgħallem il-ġejjieni lill-erwieħ? Inti għallimt il-profeti tiegħek. B'liema mod tgħallem il-ġejjieni int li xejn ma hu ġejjieni għalik? Jew jistax ikun iżjed li inti tgħallem ħwejjeġ li issa huma s-sinjali ta' dak li għad irid jiġi? Ħadd ma jista' jgħallem ħwejjeġ li ma jeżistux. Il-mod tiegħek huwa ogħla minni, ogħli wisq u ma nlaħħaqx miegħu. Imma bil-qawwa tiegħek nista' nifhmu jekk tagħtini din il-grazzja, dawl ħelu tal-għajnejn moħbija tiegħi.

20. Mela jidher ċar ħafna li la l-ġejjieni u lanqas l-imgħoddi ma jeżistu, u mhuwiex sewwa meta ngħidu li ż-żminijiet huma tlieta, jiġifieri, l-imgħoddi, issa, u l-ġejjieni. Jew forsi aħjar ngħidu li hemm tliet żminijiet, li huma dawn: iż-żmien ta' issa dwar l-imgħoddi, iż-żmien ta' issa dwar dak li hu ta' issa, u ż-żmien ta' issa dwar il-ġejjieni. Din ix-xorta ta' żminijiet tinsab fil-moħħ u ma nista' nsibha mkien ieħor: iż-żmien ta' issa dwar l-imgħoddi waqt li niftakru fih, iż-żmien ta' issa dwar dak li aħna fih issa, u ż-żmien ta' issa dwar il-ġejjieni waqt li nkunu nistennewh. Jekk nistgħu nfissru ruħna hekk, minn dak li nara jkolli ngħid li ż-żminijiet huma tlieta, u tlieta tassew. Mela ħa jingħad li hemm tliet żminijiet, l-imgħoddi, issa, u l-ġejjieni, skond id-drawwa mgħawġa li ħadna; ħa jibqa' jingħad hekk, għax ara, jien ma nagħtix kas, u miniex se mmieri jew inċanfar lil dak li jkun, basta nifhmu sewwa xi jkun jingħad u ma ngħidux li l-ġejjieni ġa jeżisti u l-imgħoddi għadu jeżisti. Ftit huma dawk li jfissru ruħhom sewwa fuq dan; fil-biċċa l-kbira ma nfissrux ruħna sewwa, imma nifhmu tajjeb xi nkunu rridu ngħidu.

21. Ftit ilu għidt li aħna nqisu ż-żmien meta jkun għaddej, biex hekk nistgħu ngħidu li dan jew dak iż-żmien hu darbtejn itwal jew iqsar minn ieħor, jew li t-tnejn indaqs, jew ngħidu xi ħaġa oħra hekk meta nistgħu nqabblu tul ta' ħin ma' ieħor. Hekk inqisuh il-ħin li jkun għaddej, kif diġà għidt. U jekk xi ħadd jistaqsini, "Dan kif sirt tafu?", inwieġbu, "Nafu għax aħna nqisu; ma nistgħux inqisu dak li ma jeżistix, u l-imgħoddi u l-ġejjieni ma jeżistux". Imma niġu għall-ħin ta' issa: dan kif inqisuh jekk ma għandux tul? Inqisuh hu u għaddej, għax meta jkun għadda ma jitqiesx, ma jibqax ħaġa li tista' titqies. Iżda fil-waqt stess li nqisuh, minn fejn jiġi? mnejn igħaddi? u fejn jibqa' sejjer? Minn fejn jiġi jekk mhux mill-ġejjieni? Mnejn igħaddi jekk mhux mill-waqt ta' issa? U fejn imur jekk mhux fl-imgħoddi? Jiġifieri, jiġi minn dak li għad ma bdiex jeżisti, igħaddi minn dak li ma għandux tul, u jmur f'dak li ma għadux jeżisti. Imma l-ħin mhux skond xi tul inqisuh? Ngħidu li l-ħin jieħu dan jew dak it-tul, jew jieħu darbtejn, tliet darbiet iżjed, jew hu twil daqs dan jew dak il-ħin l-ieħor, insomma, ngħidu xi ħaġa hekk. Dan ngħiduh meta nsemmu t-tul tal-ħin. Mela fuqiex inqisuh it-tul tal-ħin li jkun għaddej? Fuq il-ġejjieni li minnu jiġi? Dak li għad ma bdiex jeżisti ma jitqiesx. Fuq il-ħin t'issa li jkun għaddej? Dan ma għandux tul, mela ma jitqiesx. Fuq l-imgħoddi fejn imur? Anqas dan ma jitqies, għax ma għadux jeżisti.

22. Inħossni mħeġġeġ bix-xewqa li nħoll għoqda hekk iebsa. La taħbilix, Mulej Alla tiegħi, missier it-tjieba, nitolbok bi Kristu, la taħbilix it-tifsira mixtieqa ta' dawn il-ħwejjeġ li aħna drajniehom bla ma nafu xejn fuqhom.

Agħtini li nidħol 'l ġewwa fihom biex narahom fid-dawl tat-tjieba tiegħek, Mulej. Lil min nistaqsi fuqhom? Lil min jaqbilli iżjed nistqarr in-nuqqas ta' ħila tiegħi jekk mhux lilek? Inti ma tiddejjaqx tarani nfittex b'ħerqa kbira l-għerf ta' l-Iskrittura tiegħek. Agħtini dak li nħobb, għax inħobbu tassew, b'dik l-imħabba li hi don tiegħek. 'Tihuli, Missier, int li tassew taf tagħti ħwejjeġ tajba lil uliedek; 'tihuli, għax meta fittixt kif għandi nifhmu sibt li din tkun ħaġa tqila wisq għalija jekk ma tfissirhilix int. Nitolbok f'isem Kristu, il-qaddis tal-qaddisin, tħallix min ifixkilni. Jien ukoll emmint, u għalhekk tkellimt ukoll. Din hi t-tama tiegħi u għal dan qiegħed ngħix: biex nitgħaxxaq bil-ħlewwa tal-Mulej. Ara, tul xibrejn għamiltli jiemi, u huma jgħaddu, ma nafx kif. Aħna u nitħaddtu, insemmu dan u dak il-ħin, dawn u dawk iż-żminijiet: "Kemm ilu jgħidu dan", "Kemm ilu jagħmlu dak", u, "Kemm ili ma nara dan", jew, "Din is-sillaba għandha aċċent darbtejn itwal minn ta' l-oħra li hu qasir". Kliem bħal dan ngħiduh aħna stess u nisimgħu wkoll lill-oħrajn igħiduh, u huma jifhmu lilna u aħna lilhom. Huwa kliem ċar ħafna li nin-qdew bih sikwit, u b'danakollu t-tifsira tiegħu hi moħbija wisq u jenħtieġ infittxuha dejjem iżjed.

23. Smajt wieħed għaref igħid li ż-żmien fih innifsu huwa l-mixja tax-xemx u l-qamar u l-kwiekeb. Jien ma naqbilx miegħu, għax li kien hekk tassew, ma jkunx aħjar jekk ngħidu li hu l-mixja tal-ħlejjaq materjali kollha? Jekk l-imnariet tas-sema jieqfu waqt li r-rota ta' ħaddiem il-fuħħar tibqa' ddur, fejn insibuh il-ħin biex naraw kemm iddum ir-rota sa ma tagħmel dawra waħda? Kif nistgħu ngħidu jekk iddumx l-istess f'kull dawra li tagħmel, jew

jekk f'xi wħud minnhom iddurx iżjed bil-mod u fit-tul waqt li f'oħrajn iddur iżjed bil-għaġla u tagħmilhom malajr? U f'dan il-waqt stess li qiegħed ngħid dan, mhux jien ukoll qed ninqeda biż-żmien? Jekk xi sillabi tal-kliem għandhom aċċenti itwal minn oħrajn li huma qsar, dan mhux għax jieħdu ħin iżjed fit-tlissin tagħhom? O Alla, agħmel li aħna l-bnedmin, imqar fi ħwejjeġ ta' xejn bħal dawn li għadni kemm semmejt, nifhmu s-sinjali li naraw fil-ħlejjaq kollha sew żgħar u sew kbar. Inti għamilt il-kwiekeb u l-imnariet tas-sema biex ikunu sinjali għat-tqassim taż-żminijiet, tal-jiem u tas-snin, u hekk huma tassew. Iżda bħalma jien ma għidtx li dawra ta' dik ir-rota ċkejkna ta' l-injam hija jum, hekk anqas dak il-għaref ma jista' jgħid li ma tieħu żmien xejn.

Nixtieq naf il-qawwa u n-natura taż-żmien li bih inqisu l-mixja tal-ħlejjaq materjali u ngħidu li mixja waħda minnhom iddum – ngħidu aħna – darbtejn iżjed minn oħra. Il-mistoqsija tiegħi hija din: aħna ngħidu li l-jum ma fihx biss il-ħin li x-xemx iddum tidher fuq l-art u hekk nagħżlu bejn il-ħin ta' bin-nhar u dak ta' bil-lejl; il-jum hu l-ħin kollu li x-xemx tieħu biex iddur mil-lvant sal-lvant, u dan hu li nifhmu meta ngħidu, "Għaddew bosta jiem", u mal-jiem ngħoddu wkoll l-iljieli tagħhom, għax dawn mhumiex ħin ieħor barrani mill-jum. Issa, jekk jum wieħed igħaddi f'dawra sħiħa tax-xemx mil-lvant sal-lvant u fid-dewmien li tieħu, mela, nistaqsi jien, il-jum xinhu? Huwa d-dawra tax-xemx, jew id-dewmien ta' din id-dawra? Jew it-tnejn flimkien? Jekk id-dawra hija l-jum, igħaddi jum sħiħ anki jekk ix-xemx tieħu siegħa waħda biss biex tagħmel id-dawra kollha tagħha. Min-naħa l-oħra, jekk id-dewmien tad-dawra huwa l-jum, ma jkunx

hemm, jum sħiħ jekk bejn sebħ u ieħor igħaddi l-ħin qasir ta' siegħa waħda biss; ix-xemx f'dan il-kas ikollha tagħmel id-dawra tagħha erbgħa u għoxrin darba biex igħaddi jum sħiħ. Jekk imbagħad sew id-dawra u sew id-dewmien tagħha huma l-jum, mela ma jkunx hemm jum sħiħ, la jekk ix-xemx tieħu siegħa għad-dawra tagħha u lanqas jekk tieqaf sa ma jkun għadda l-ħin kollu li s-soltu tieħu għal dawra tagħha minn għodwa sa għodwa. Jien bħalissa ma rridx nistaqsi xinhu dak li nsejħulu jum, imma xinhu l-ħin li bih inqisu d-dawra tax-xemx. Kieku x-xemx kellha tagħmel id-dawra tagħha fi tnax-il siegħa biss, konna ngħidu li ħadet nofs il-ħin tas-soltu; imbagħad inqabblu l-ħin ta' tnax-il siegħa mal-ħin tas-soltu, u jekk ix-xemx, biex tagħmel id-dawra tagħha mil-lvant sal-lvant, xi drabi tieħu tnax-il siegħa u drabi oħra l-ħin tas-soltu, konna ngħidu li f'dan il-kas ta' l-aħħar tkun damet darbtejn iżjed. Mela ma rridx min igħidli li ż-żminijiet huma l-mixja tad-dawl tas-sema. Meta dak il-bniedem talab li x-xemx tieqaf biex jissokta jitqabad sa ma jirbah[1], ix-xemx waqfet, imma l-ħin baqa' għaddej. It-taqbida ħadet iż-żmien biżżejjed għaliha u spiċċat. Minn dan nifhem li ż-żmien b'xi mod huwa dewmien. Imma dan qiegħed nifhmu tassew? Jew jidhirli biss li qiegħed nifhmu? Fehimni int, Dawl u Verità!

24. Tridni int naqbel mal-fehma ta' min igħid li ż-żmien huwa ċ-ċaqliq ta' l-iġsma? Le, ma tridx dan minni. Jien nisma' lilek stess tgħid li xejn minn dawn l-iġsma ma jiċċaqlaq jekk mhux fiż-żmien; imma li ċ-ċaqliq stess ta' l-iġsma huwa ż-żmien, dan ma nisimgħekx tgħidu. Meta ġisem jiċċaqlaq, iċ-ċaqliq tiegħu nqisuh skond iż-żmien li jieħu min xħin il-ġisem jibda jiċċaqlaq sa ma jieqaf. Jekk

jien ma rajtx meta beda, u jibqa' jiċċaqlaq bla ma nara meta jieqaf, ma nistax inqis iż-żmien kollu li jieħu, imma nqis biss iż-żmien li jgħaddi minn xħin jien bdejt nara ċ-ċaqliq sakemm ma bqajtx inħares lejh. Jekk indum ħafna nħares lejh, nista' ngħid biss li ħa żmien twil, imma ma nistax ngħid eżatt kemm dam, għax biex ngħid dan ikolli nqabbel żmien ma' ieħor, bħal meta ngħidu, "Dan iż-żmien hu twil daqs l-ieħor", jew, "Twil darbtejn iżjed mill-ieħor", jew tqabbil ieħor bħal dan. Kieku nistgħu ninnutaw fl-ispazju il-post minn fejn il-ġisem jibda jiċ-ċaqlaq u l-post fejn jieqaf, jew ninnutaw il-partijiet tiegħu fil-kas li jkun qed idur bħal torn, allura nkunu nistgħu ngħidu kemm iċ-ċaqliq tal-ġisem jew ta' parti minnu jieħu żmien minn post għall-ieħor. Dan ifisser li ċ-ċaqliq ta' ġisem huwa ħaġa, u l-mezz li bih inqisu kemm idum huwa ħaġ'oħra. Min ma jarax liema waħda minn dawn it-tnejn imissha l-iżjed tissejjaħ żmien? Jekk il-ġisem daqqa jiċċaqlaq u oħra jkun wieqaf, aħna nqisu mhux biss kemm idum jiċċaqlaq iżda wkoll kemm idum wieqaf, u ngħidu, "Dam wieqaf daqs kemm dam jiċċaqlaq", jew, "Dam wieqaf darbtejn jew tliet darbiet iżjed milli dam jiċċaqlaq", jew infissru bi kliem ieħor il-qjies eżatt jew bejn wieħed u ieħor, ftit iżjed jew ftit inqas, kif ngħidu s-soltu. Mela ż-żmien mhuwiex iċ-ċaqliq ta' ġisem.

25. Nistqarr quddiemek, Mulej, li għadni ma għaraftx xinhu ż-żmien; imma nistqarr ukoll, Mulej, li jiena naf li dan kollu qiegħed ngħidu fiż-żmien, naf li ġa domt ħin twil nitkellem fuq iż-żmien, u l-ħin li ħadt huwa twil, sewwa sew għax iż-żmien baqa' għaddej. Imma dan kif nafu jekk ma nafx iż-żmien xinhu? Jistax ikun li ma nafx

infisser bil-kliem dak li naf? Imsejken jien, anqas biss naf x'ma nafx! Arani hawn quddiemek, Alla tiegħi, ara li miniex ngħid kliem b'ieħor: qiegħed ngħid dak li nħoss f'qalbi. Inti tixgħel, Mulej, il-musbieħ tiegħi; Alla tiegħi jdawwal id-dlam tiegħi.

26. Jekk ruħi tistqarrlek li jiena nqis iż-żmien, ma tkunx tistqarrlek is-sewwa? U nqisu tassew, Alla tiegħi, għad li ma nafx xi nkun inqis. Inqis iċ-ċaqliq ta' ġisem permezz tal-ħin; imma b'hekk ma nkunx inqis il-ħin ukoll? Kif nista' nqis iċ-ċaqliq ta' ġisem, kemm idum u kemm jieħu minn post għall-ieħor, jekk ma nqisx il-ħin li fih isir iċ-ċaqliq? Imma l-ħin stess b'liema qjies inqisuh? Inqisu ħin twil permezz ta' ieħor iqsar minnu bħalma nqisu qasba bl-ixbar? Hekk nagħmlu meta nqisu t-tul ta' poeżija bit-tul tal-versi, it-tul tal-versi b'dak il-piedi, u t-tul tal-piedi b'dak tas-sillabi, li huma jew twal jew qsar[2]. It-tul ta' poeżija ma nqisuhx bil-paġni, għax b'dawn inqisu l-ispazju mhux il-ħin. Mal-mogħdija tal-kliem aħna u naqraw, ngħidu, "Din il-poeżija hi twila għax fiha tant versi, dawn il-versi huma twal għax fihom tant piedi, dawn il-piedi huma twal għax fihom tant sillabi, u din is-sillaba hi twila għax fiha d-doppju tal-qasira". Imma anqas b'dan il-mod ma nistgħu nqisu t-tul eżatt tal-ħin, għax jista' jiġri li vers narawh qasir jekk ngħaġġlu naqrawh, u l-istess vers narawh twil jekk naqrawh bil-mod. U dan igħodd ukoll għall-poeżija, għall-piedi u għas-sillabi. Kien għalhekk li deherli li ż-żmien mhux ħaġ'oħra ħlief id-dewmien. Imma dewmien ta' xiex? Ma nafx: nistagħġeb jekk mhux tal-ħsieb stess. Għax għidli, nitolbok, Alla tiegħi, xi nkun inqis meta mqar jekk ma nkunx naf il-ħin eżatt, ngħid,

"Dan il-ħin hu itwal mill-ieħor", jew jekk inkun naf eżatt, ngħid, "Dan il-ħin hu darbtejn itwal mill-ieħor"? Inkun inqis il-ħin, naf, iżda mhux il-ġejjieni li għadu ma bdiex jeżisti, anqas il-ħin ta' issa li ma għandux tul biex jitqies, u anqas l-imgħoddi li ma għadux jeżisti. Mela xi nqis? Il-ħinijiet huma u għaddejjin qabel ma jkunu għaddew? Dan għidtu diġà.

27. Ibqa' isħaq, ruħ tiegħi, u waħħal ħarstek b'kemm għandek ħila. Alla l-għajnuna tagħna; hu ħalaqna, mhux aħna. Waħħal ħarstek fejn tfeġġ il-verità. Ara, nagħtu kas li xi ħaġa qed tibda tagħmel ħoss u aħna qegħdin nisimgħuh, u nibqgħu nisimgħuh sa ma jieqaf u jiskot, imbagħad il-ħoss igħaddi u ma jibqax jinstema'. Qabel ma beda jinstema' kien għadu fil-ġejjieni, u għalhekk ma stajniex inqisu d-dewmien tiegħu għax kien għadu ma bdiex jeżisti. U lanqas issa ma nistgħu nqisuh ladarba għadda u mar. Mela stajna nqisuh f'dak il-waqt biss li konna qegħdin nisimgħuh, għax f'dak il-waqt biss kien ħaġa li tista' titqies. Imma f'dak il-waqt stess ma kienx ħaġa li tibqa': kien għaddej u baqa' għaddej. Forsi min-ħabba f'hekk stajna nqisu kemm dam? Aħna stajna nqisuh għax il-mogħdija tiegħu ħadet ċertu tul ta' ħin; il-waqt stess li fih inkunu nisimgħuh ma għandu ebda tul. Mela stajna nqisuh hu u għaddej. Issa ejja ngħidu li jibda jinstema' ħoss ieħor, u jibqa' jinstema' bla ma jaqta' jew jitbiddel. Aħna nqisu kemm idum sakemm nibqgħu nisimgħuh, għax meta jieqaf ikun għadda u ma jibqax ħaġa li tista' titqies. Ejja nqisu sewwa u ngħidu kemm idum. Jekk għadu jinstema', mela ma nistgħux inqisu kemm idum, għax aħna nqisu mill-bidu sat-tmiem, minn xħin

jibda jinstema' sa ma jieqaf; dak li jitqies huwa l-ħin kollu li jgħaddi mill-bidu sat-tmiem. Jekk il-ħoss ikun għadu ma waqafx ma nistgħux inqisu t-tul tiegħu kollu, ma nistgħux ngħidu li dam ħin twil jew ħin qasir, jew li dam daqs ħoss ieħor jew id-doppju jew xi ħaġa hekk. Iżda mbagħad meta l-ħoss jieqaf ma jibqax jeżisti iżjed. Mela kif jista' jitqies? U b'danakollu aħna nqisu ż-żminijiet, mhux dawk li għad ma bdewx jeżistu jew li ma għadhomx, anqas dawk li ma jieħdu ebda tul, kif anqas dawk li la għandhom bidu u lanqas tmiem; fi kliem ieħor, iż-żminijiet ma nqisuhomx fil-ġejjieni jew fl-imgħoddi tagħhom, anqas fil-waqt stess li jkunu jeżistu jew huma u għaddejjin. Imma nerġa' ngħid, iż-żminijiet inqisuhom tassew.

Deus creator omnium[3]: dan il-vers fih tmien sillabi, waħda qasira u oħra twila wara xulxin; l-erbgħa l-qsar, jiġifieri, l-ewwel, it-tielet, il-ħames u s-seba' sillaba, għandhom tul wieħed jekk inqabbluhom ma' l-erbgħa t-twal, jiġifieri, it-tieni, ir-raba', is-sitta u t-tmien sillaba. Kull waħda minn dawn hija twila d-doppju ta' sillaba qasira, kif jidher minn leħni jiena u nlissinhom; u hekk hu tabilħaqq, għax is-sensi stess juruna ċar. Is-sillabi nqishom skond kif jolqtuli s-sens tas-smigħ; inqis sillaba twila permezz ta' oħra qasira u nħoss li hija twila darbtejn iżjed mill-oħra. Waqt li nkun inlissen sillaba wara oħra, jekk il-qasira tkun l-ewwel waħda u t-twila ta' warajha, b'liema mod nista' nżomm il-qjies tas-sillaba l-qasira biex permezz tagħha nqis it-twila u ngħid li din fiha tul doppju? Kif nista' nagħmlu dan jekk il-qasira tkun ġa għaddiet malli t-twila tibda tinstema'? Hekk ukoll is-sillaba t-twila, kif nista' nqis it-tul kollu tagħha fil-waqt stess li nkun ngħidha meta tkun għadha ma spiċċatx? U meta tispiċċa

tkun għaddiet u marret. Mela xinhu dak li nqis? Fejn tkun il-qasira biex inqis biha? Fejn tkun it-twila biex inqisha? It-tnejn instemgħu u għosfru fl-imgħoddi, ma għadhomx iżjed. B'danakollu jiena nqishom, u bil-għajnuna li s-sens imħarreġ tas-smigħ jista' jagħtini, inserraħ rasi u ngħid li sillaba waħda fiha tul u l-oħra fiha tul doppju f'dak li hu tul ta' ħin. Dan nista' ngħidu biss meta t-tnejn ikunu għaddew u spiċċaw. Mela jiena nqis mhux is-sillabi stess, li ma jibqgħux jeżistu, imma xi ħaġa li tibqa' mwaħħla f'moħħi.

Iż-żminijiet inqishom fik, ruħ tiegħi. Titħambaqx miegħi jekk nagħmel dan, u toqgħodx tinnervja miegħek innifsek jekk kotra ta' ideat jiġu stampati fik. Fik, iva, inqishom iż-żminijiet. Inqis l-idea li l-ħwejjeġ jistampaw fik huma u għaddejjin, idea li tibqa' fik wara li jkunu għaddew. Dan hu li nqis, l-idea li tinsab fik issa, mhux il-ħwejjeġ li għaddew u stampaw l-idea tagħhom fik. Hi l-idea taż-żmien li jiena nqis meta nqis iż-żminijiet. Mela jew iż-żminijiet huma dan, jew jien mhux iż-żminijiet inqis. Meta aħna nqisu s-skiet u ngħidu li ħin ta' skiet dam daqs ħin ieħor ta' ħsejjes, aħna nġibu f'moħħna l-ħsieb ta' kemm idumu l-ħsejjes bħallikieku qegħdin nisimgħuhom tassew, ħalli b'hekk inkunu nistgħu ngħidu kemm kien twil il-ħin tas-skiet. Jekk inżommu xofftejna magħluqa fis-skiet, nistgħu wkoll ngħidu f'moħħna poeżija jew versi jew diskors ieħor; aħna nqisu l-ħin kollu li jieħdu, inqabbluhom bejniethom f'dak li hu tul ta' ħin, u ngħidu eżatt kemm idumu daqs li kieku qegħdin ngħiduhom b'xofftejna. Nieħdu wieħed li jrid isemma' leħnu kemmxejn fit-tul u jiddeċiedi minn qabel kemm ikun bi ħsiebu jdum; fis-skiet ta' moħħu jqis tassew il-ħin u jibqa'

jiftakru, biex imbagħad jibda jsemma' leħnu li jibqa' jinstema' tul il-ħin kollu li jkun iddeċieda; jew aħjar, leħnu jkun ġa nstema' u għad irid jinstema', instemgħet il-parti li tkun ġa għaddiet, u għad trid tinstema' l-parti l-oħra li fadal, sa ma jkun instema' kollu kemm hu. Dak il-bniedem, fil-waqt stess li jkun isemma' leħnu, f'moħħu jibqa' jsejjaħ lill-parti li jkun għad fadal u jgħaddiha fl-imgħoddi, u hekk il-leħen ġejjieni jiqsar waqt li l-imgħoddi jitwal, sa ma l-ġejjieni jintemm u jgħaddi kollu kemm hu fl-imgħoddi.

28. Imma jekk il-leħen ġejjieni jkun għadu ma bdiex jeżisti, kif jista' jiqsar u jintemm? U jekk l-imgħoddi ma jibqax jeżisti, kif jista' jitwal? Dan jiġri biss għaliex fil-moħħ, li jkun qiegħek jaħdem, jinsabu t-tliet żminijiet, jiġifieri, il-ġejjieni waqt li l-moħħ ikun jistennieh, il-ħin ta' issa li jkun attent għalih, u l-imgħoddi li jibqa' jiftakar fih. U hekk il-ħin mistenni minnu jgħaddi permezz tal-ħin ta' issa u jmur fil-memorja. Mela min se jiċħad u jgħid li l-ġejjieni ma jeżistix? Ġa jeżisti fil-moħħ bħala żmien mistenni. Min se jiċħad u jgħid li l-imgħoddi ma għadux jeżisti? Għadu jeżisti fil-moħħ li jibqa' jiftakar f'kull ma għadda. Min se jiċħad u jgħid li l-ħin ta' issa ma għandux tul għax jibqa' għaddej mal-ħaġra t-tajn? Għandu t-tul tiegħu fl-attenzjoni tal-moħħ li permezz tagħha jgħaddi mill-ġejjieni fl-imgħoddi. Mela mhux il-ġejjieni stess huwa twil la ma jeżistix, imma hi ġejjieni twil l-istennija twila tal-ġejjieni; anqas l-imgħoddi ma hu twil la ma baqax jeżisti, iżda hi mgħoddi twil it-tifkira twila ta' l-imgħoddi.

Naf għanja u rrid ngħanniha. Sa minn qabel ma nibdieha, l-istennija tiegħi tinfirex fuq il-għanja kollha; u wara li

nkun bdejtha, il-memorja tiegħi tinfirex fuq dak kollu li nkun ġa għannejt minnha. Din il-ħidma kollha ta' moħħi tinfirex kemm fuq it-tifkira ta' dak li nkun ġa għannejt, kif ukoll fuq l-istennija ta' dak li jkun baqagħli ngħanni. Imma l-attenzjoni tiegħi tibqa' miġbura fuq il-ħin ta' issa, waqt li bis-saħħa tagħha jibda jasal dak li jkun fadalli ngħanni u jibqa' għaddej fl-imgħoddi. Matul din il-ħidma kollha ta' moħħi, l-istennija tiegħi tiqsar dejjem iżjed u daqshekk ieħor titwal it-tifkira, sakemm xejn iżjed ma jibqa' mistenni, il-ħidma ta' moħħi tieqaf, u kollox igħaddi fil-memorja. U dak li ħidt għall-għanja kollha jgħodd ukoll għal kull taqsima u sillaba tagħha, anzi jgħodd għal kull ħidma oħra itwal li l-għanja għandha mnejn tkun biċċa waħda minnha, igħodd għall-ħajja kollha tal-bniedem bil-ħidmiet kollha tiegħu li jagħmlu sehem minnha, kif ukoll għall-ġrajja kollha ta' wlied il-bnedmin li l-ħajjiet kollha tagħhom huma biċċa mill-istess ġrajja.

29. Ara, jien xerridt ħajti ħafna, imma int, li t-tjieba tiegħek aħjar mill-ħajja, bosta drabi u b'ħafna modi ġbartni bil-leminija tiegħek f'Sidi, bin il-bniedem, il-Medjatur bejnek, Alla wieħed, u bejnna, li aħna ħafna, biex bih nilħaq lilu bħalma hu ġa laħaq lili, u ninġabar mill-imgħoddi tiegħi biex nimxi warajh li hu wieħed. Waqt li ninsa 'l ta' wrajja kollu, irrid li ma nixxerridx fuq li għad irid jiġi u jgħaddi, imma nilħaq dak li hemm quddiemi, mhux billi ninfirex fuqu, iżda billi bil-fehma ta' moħħi niġri lejn il-premju li għalih Alla qed isejħilna. Hemmhekk nisma' leħen it-tifħir tiegħek u nitgħaxxaq bil-ħlewwa tiegħek li ma tiġix u tibqa' għaddejja. Għalissa snin ħajti qiegħed ngħaddihom fost l-ilfiq, imma int il-faraġ tiegħi,

Mulej, Missier etern tiegħi. Jiena nħlejt fuq iż-żminijiet li anqas biss naf kif jitqassmu; ħsibijieti, il-qalba ta' ruħi, tferrxu 'l hawn u 'l hinn fl-istorbju ta' kull ma jitbiddel. U hekk jibqa' jiġrili, sa ma mħabbtek issaffini u ddewwibni bin-nar tagħha u tferragħni fik.

30. Imbagħad nagħqad u nissoda fik, fil-forma tiegħi, fil-verità tiegħek. Ma nibqax iżjed insofri l-mistoqsijiet ta' bnedmin li jbatu b'marda li ġġagħalhom jixorbu iżjed milli jifilħu, u jistaqsu, "X'kien jagħmel Alla qabel ma għamel is-sema u l-art?", jew, "Kif ġieh f'moħħu li jagħmel xi ħaġa meta qatt ma kien għamel xejn qabel?". Mulej, agħmel li jqisu sewwa xi jkunu jgħidu, ħalli jaraw li l-kelma "qatt" ma ngħiduhiex għal meta ż-żmien ma kienx jeżisti. Jekk ngħidu li wieħed qatt ma għamel xejn, forsi dan ma jfissirx li ma għamel xejn f'ebda żmien? Mela ħa jifhmu li ma jeżisti ebda żmien mingħajr ħolqien, u jsikktu kliem fieragħ bħal dan. Ħa jfittxu wkoll li jilħqu dak li hemm quddiemhom, u jifhmu li sa minn qabel iż-żminijiet kollha int il-ħallieq etern taż-żminijiet kollha, u li ebda żmien u ħolqien ma huma eterni bħalek, għad li xi ħlejjaq huma ogħla miż-żmien.

31. Mulej, Alla tiegħi, kemm hu ogħli bla tarf il-misteru tiegħek, u jien kemm tbegħidt minnu ħtija ta' dnubieti! Fejjaqli għajnejja ħalli jkolli sehem fil-hena tad-dawl tiegħek. Jekk hemm ruħ mogħnija b'qawwa hekk kbira li tkun taf l-imgħoddi kollu u tagħraf il-ġejjieni minn qabel, u ssir tafhom bħalma jien naf għanja magħrufa ħafna, din ir-ruħ hi kbira tassew u tnixxifna bil-għaġeb, għax għaliha ma jibqa' moħbi xejn mill-ġrajjiet kollha taż-żminijiet

l-imgħoddija u li għad iridu jiġu, l-istess kif lili ma jaħrabli xejn mill-għanja li nkun ngħanni, la dak li nkun ġa għannejt mill-bidu tagħha, u lanqas dak li jkun baqagħli ngħanni sat-tmiem tagħha. Iżda ħa jkun bgħid minni l-ħsieb li int, il-ħallieq ta' l-univers, il-ħallieq ta' l-erwieħ u l-iġsma, ħa jkun bgħid minni l-ħsieb li int taf l-imgħoddi u l-ġejjieni b'dan l-istess mod. Int wisq u wisq aktar tal-għaġeb, wisq aktar misterjuż minn hekk. Int mintix bħal min igħanni jew jisma' għanja li jafha kulħadd, għax dan, huwa u jistenna l-istrofi li ġejjin u jiftakar f'dawk li għaddew, iħosshom iqanqluh issa mod u issa ieħor, u s-sens tas-smigħ jinfirixlu fuqhom kollha. Xejn minn dan ma jiġri lilek, għax int qatt u qatt ma titbiddel, int tassew il-ħallieq etern ta' l-erwieħ. Mela bħalma għaraft fil-bidu s-sema u l-art bla ma sar tibdil fil-għarfien tiegħek, hekk għamilt fil-bidu s-sema u l-art bla ma l-ħidma tiegħek imxiet 'il quddiem. Ħa jfaħħrek min jifhem dan, u ħa jfaħħrek ukoll min ma jifhmux. Int ogħli tassew, u madankollu tgħammar f'dawk ta' qalbhom umli. Inti tqajjem li min hu mitluq, u ħadd ma jaqa' minn dawk li jitgħollew fik.

---

[1]Ara l-Ktieb ta' Ġożwè, 10, 12–14.

[2]Dan igħodd għall-metrika Latina; il-vers f'poeżija Latina fih għadd ta' qisien li nsejħulhom piedi, u l-pied huwa unità metrika b'għadd ta' sillabi li l-aċċent ta' waħda minnhom hu itwal minn ta' l-oħrajn.

[3]L-innu li jibda b'dan il-vers qlibnieh għall-Malti u jinsab aktar 'il fuq, fid-IX Ktieb. S. Wistin qiegħed ifisser kif dan il-vers hu mibni skond ir-regoli tal-metrika Latina, u għalhekk ħallejnieh bil-Latin kif inhu fl-oriġinal.